FESTA KRISTU RE – RAĦAL ĠDID – 30 LULJU 2018 @ 8.45 – 10.00 pm

TISLIMA ORKESTRALI 2018

L-orkestra se tkun taħt id-direzzjoni ta'
Mro. Manoel Pirotta
DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.)
Bis-sehem tal-kantanti:
Christine Dalli (mezzo sopran) u Ivan Vella (Bartionu)

**MARCH OF THE PRIESTS (ATHALIA)**
Felix Mendelssohn (1809-47) / Arr. Theo. Moses
ORKESTRA

Il-ġrajja biblika ta' Għatalija, mara qalila u ħażina, kien il-qofol ta' suġġett ta' wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' Jean Racine. Infatti fuq dit-traġedja, fl-1843 il-kompożitur Ġermaniż Mendelssohn irnexxielu jinseġ il-mużika għal orkestra sħiħa. Din kienet tikkonsisti f'overtura, marċ, u sitt bċejjeċ vokali. Minn dax-xogħol kollu l-aktar li baqa' jissemma huwa proprju l-Marċ tal-Qassisin.

**WHEN YOU BELIEVE**
Stephen Schwartz / Arr. Manoel Pirotta
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran)

Dil-kanzunetta, meħuda mill-film animat *The Prince of Egypt* (1998), li jitratta l-istorja biblika tal-Eżodu, titkanta waqt li l-poplu Lhudi jkun fi triqtu lejn il-Baħar l-Aħmar u l-Art Imwiegħda. Il-kliem tagħha jiddeskrivu l-abbiltà li kull wieħed minna kapaċi jwettaq il-mirakli kemm-il darba jersaq lejn Alla u jemmen fih innifsu.

**A WHITER SHADE OF PALE**
Procol Harum
ORKESTRA

*A Whiter Shade of Pale* huwa l-isem tal-ewwel diska li qatt ħarġet ir-*rock band* Procol Harum fl-1967. Ħafna semmiegħa jsibu li, din id-diska tixbah ħafna lil xogħol mill-*aria* tant magħrufa tal-kompożitur Ġermaniż Johann Sebastian Bach, fejn il-mużika tiegħu hija fi stil Barokk.

**CARILLON (L'Arlésienne Suite No. 1)**
Georges Bizet (1838-75) /David Stone
ORKESTRA

Oriġinarjament Bizet kiteb dax-xogħol, mhux biex jindaqq minn xi sett ta' qniepen tal-knisja, imma bħala preludju għar-raba' att tal-opra '*L'Arlésienne'*, fejn ir-raħħala ikunu qegħdin jiċċelebraw il-festival ta' San Eliġju. L-istess xogħol imbagħad kien ġie arranġat biex jagħlaq xogħol ieħor.

**MATTINATA**
Ruggiero Leoncavallo (1857-1919) / Arr. Massimo Marinai
IVAN VELLA (Baritonu)

Kompożitur Taljan ta' għadd ta' opri, fosthom il-*Pagliacci*, li tibqa' waħda mill-aqwa xogħlijiet popolari fir-repertorju operistiku. Huwa kien kiteb dil-*aria* għall-kumpanija tad-diski Gramaphone, u kien hu stess li akkumpanja lit-tenur Caruso fuq il-pjanu meta din kienet ġiet irrekordjata fl-1904.

**VA PENSIERO SULL' ALI DORATE (Canto degli sciavi) (NABUCCO)**
Giuseppe Verdi (1813-1901) / Arr.: Jean Brouquières
ORKESTRA

Għanja għall-kor meħuda mit-tielet att tal-opra, fejn l-istorja ġiet ispirata minn Salm nru 137 li jittratta l-ħruġ tal-Lhud mill-Babilonja wara t-telfa tal-Ewwel Tempju f'Ġerusalemm. Intużat ukoll minn patrijotti fil-ġlieda tagħhom sabiex jaraw 'il-Italja tingħaqad f'pajjiż u jarawha meħlusa mill-ħakkiema barranin.

**RELIGIOSA (Marcia Religiosa)**
Claudio Calderari (tw. 1948)
ORKESTRA

Dal-marċ reliġjuż huwa kompożizzjoni ta' Calderari, imwieled f'Venzone, l'Italja fejn studja l-klarinett u l-armonija fil-konservatorju ta' Udine. Huwa wkoll surmast tal-banda ta' raħlu u għalliem tal-mużika fl-iskejjel. Ħafna minn xogħlijietu huma għall-banda u li bihom ġieli rebaħ ukoll xi konkorsi importanti.

**INVOCAZIONE ALLA MADONNA**
Pietro Mascagni (1863-1945) / Arr. Massimo Marinai
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran) u IVAN VELLA (Baritonu)

Peress li Mascagni twieled f'Livorno, dil-invokazzjoni Marjana kienet inkitbet apposta fl-1936 biex tindaqq fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Montenero fil-15 ta' Awwissu, nhar il-festa ta' Santa Marija. Oriġinarjament, ix-xogħol kien miktub għall-armonju (jew pjanu) u kor fl-unisonu. Il-kliem hu ta' Giovanni TargioniTozzetti (1863-1934).

**AIR FOR WINDS**
André Waignein (tw. 1942) / Arr. Manoel Pirotta
ORKESTRA

Normalment, arja tirreferi għal silta minn xi opra jew oratorjo, li titkanta minn kantant/a solista. Imma f'dal-każ, il-kompożitur għażel li jiktibha għall-istrumenti tan-nifs. Waignein igawdi fama internazzjonali u xogħlijietu jindaqqu mal-erbat irjieħ tad-dinja.

**THE SACRED HOUR (Reverie)**
Albert W. Ketelbey (1875-1959)
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran) u IVAN VELLA (Baritonu)

Dwar dax-xogħol deskrittiv ta' natura reliġjuża, il-kompożitur jagħtina dis-sinossi li ġejja: Waqt li qassis żagħżugħ ikun qed idoqq fuq l-orgni jisma' l-kant tal-Ave Marija ġej mill-bogħod u bla ma jaf jadatta l-kliem tagħha fil-melodija tiegħu. B'hekk ix-xogħol jispiċċa fuq nota tassew grandjuża mimlija ħrara devozzjonali.

**HIGHLIGHTS FROM MESSIAH**
Georg Friedrich Händel / Charles Woodhouse
ORKESTRA

Wieħed mill-ġganti tal-perjodu Barokk, Handel kiteb ħafna opri fl-istil Taljan, u kien hu li ħoloq l-oratorjo bibliku Ingliż, fosthom *The Messiah* (1742), li minnu ser nisimgħu tliet siltiet: *Worthy is the Lamb*; *He Shall Feed His Flock,* u *Hallelujah*. Dwar din tal-aħħar jingħad li Handel kitibha bid-

dmugħ f’għajnejn għax ħaseb li ra s-Sema quddiem għajnejh, u l-kbir Alla nnifsu bilqiegħda fuq it-tron tiegħu mdawwar bil-qtajja’ tal-anġli.

**KEMM INTI KBIR (How Great Thou Art)**
Għanja tradizzjonali Żvediża
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran) u IVAN VELLA (Baritonu)

Dil-għanja reliġjuża titkanta fuq melodija tradizzjonali Żvediża tal-1885 fuq versi ta’ Carl Boberg (1859-1940). Kien il-missjunarju Ingliż Stuart K. Hine (1899-1989) li qelbu għall-ilsien pajjiżu fl-1948 u żied xi versi minn tiegħu wkoll. Il-kliem bil-Malti hu adattament ta’ Andrew Cauchi.



**INNU KRISTU RE**
Vincenzo Ciappara
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran) u IVAN VELLA (Baritonu)